

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/1000

tal-21 ta' Ġunju 2022

li taħtar membru, propost mir-Repubblika tal-Awstrija, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni <sup>(1)</sup>,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Awstrijakk,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettoral ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fid-9 ta' Novembru 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2021/1955 <sup>(2)</sup> li taħtar membru, propost mill-Awstrija, fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni u abbażi ta' dan ġie propost għall-ħatra s-Sur Bernhard BAIER.
- (4) Il-Gvern Awstrijak ippropona lis-Sur Hannes WENINGER, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettoral ta' awtorità lokali, *Gemeinderat, Gemeinde Gießhübl* (Kunsillier Lokali, Muniċipalità ta' Gießhübl), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Hannes WENINGER, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettoral, *Gemeinderat, Gemeinde Gießhübl* (Kunsillier Lokali, Muniċipalità ta' Gießhübl) huwa b'dan maħtur bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-21 ta' Ġunju 2022.

Għall-Kunsill  
Il-President  
C. BEAUNE

<sup>(1)</sup> ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1955 tad-9 ta' Novembru 2021 li taħtar membru, propost mir-Repubblika tal-Awstrija fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 398, 11.11.2021, p. 28).